MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 5/2014

**Francis Pace**

**vs**

**Racing Pigeons Society**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż ta' l-attur li bih, wara li ppremetta:

Illi huwa membru tar-Racing Pigeons Society Nru.18;

Illi s-soċjeta' konvenuta kienet bagħtet ittra lill-esponenti fis-7 ta' Novembru 3013 (sic – recte 2013) fejn infurmatu li huwa ġie sospiż minnha b'effett mid-data ta' dik l-ittra sad-data tal-31 ta' Diċembru 2013;

Illi l-akkużi dedotti mis-soċjeta' ntimata kontra tiegħu kienu assolutament infondati fid-dritt u fil-fatt kemm mill-ottika fattwali, għaliex l-esponenti ma wettaq l-ebda attakk dirett lejn il-klabb; kif ukoll mill-ottika legali, għaliex minn ebda regolament jew statut tal-klabb ma jirriżulta xi dritt fil-klabb li jissospendi lill-membri tiegħu kif fil-fatt għamlet is-soċjeta' ntimata;

Illi inoltre, is-soċjeta' ntimata aġixxiet illegalment u bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizza naturali billi waslet għad-deċiżjoni tagħha mingħajr ma tat l-ebda opportunita' lir-rikorrenti milli jkun jaf bi preċiżjoni l-atti addebitati lilu kif ukoll ċaħditu minn kull opportunita' li jiddefendi ruħu mill-akkużi dedotti kontra tiegħu, tant li l-ittra tiegħu tat-13 ta' Novembru 2013 baqgħet ma rċeviet l-ebda risposta;

Illi għalhekk huwa jrid jikkontesta d-deċiżjoni meħuda mis-soċjeta' ntimata;

Illi per  konsegwenza tad-deċiżjoni llegali meħuda kif ingħad fuq, l-esponenti sofra danni inġenti kif sejjer jiġi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Talab għalhekk lis-soċjeta' ntimata tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

(1) Tiddikjara li d-deċiżjoni kkomunikata lir-rikorrenti permezz tal-ittra tas-7 ta' Novembru 2013 hija llegali u ma tagħmilx stat fil-konfront tar-rikorrenti peress li ma hijiex ibbażata fuq xi regolament jew statut tas-soċjeta' ntimata vinkolanti fuq ir-rikorrenti; u wkoll għaliex ir-rikorrenti ma huwiex "ħati" tal-akkużi dedotti kontra tiegħu f'dik l-ittra;

(2) Tiddikjara li dik id-deċiżjoni hija wkoll *ultra vires* u ma tagħmilx stat fil-konfront tar-rikorrenti billi meħuda bi ksur tad-dettami tar-regoli ta' ġustizzja naturali fosthom ir-regola *audi et alteram partem* u d-dritt għal smigħ xieraq;

(3) Konsegwentement tannulla dik id-deċiżjoni;

(4) Tiddikjara li per konsegwenza tal-azzjoni meħuda mis-soċjeta' ntimata in eżekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni, r-rikorrenti sofra danni inġenti kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

(5) Tillikwida dawk id-danni billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

(6) Tikkundannak tħallas lir-rikorrenti dawn id-danni kif hekk likwidati.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, li għaliha minn issa msejjaħ.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra interprlelatorja tat-13 ta' Novembru 2013, kontra tiegħek.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta li wieġbet:

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi b'mod speċjali ta' l-ewwel

tlett talbiet, u tali kompetenza tvesti fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri – Sezzjoni Ġenerali;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost hemm il-karenza ta' l-interess ġuridiku stante illi l-attur mhux membru tal-klabb, meta huwa naqas minn li jħallas il-miżata tas-sħubija fil-bidu tal-istaġun;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost hemm il-karenza ta' l-interess ġuridiku fit-talbiet proposti stante illi l-perjodu ta' sospensjoni ta' l-attur għadda u kien ġia għadda fil-jum li fih ġiet intavolata l-kawża odjerna;

4. Illi bla preġudizzju għal premess ma huwiex mogħti d-dritt lil attur sabiex jikkontesta ġudizzjarmet l-aġir ta' korp privat, aktar u aktar meta tali aġir jikkostitwixxi azzjoni interna meħuda b'mod legali;

5. Illi kull azzjoni meħuda mill-klabb konvenut hija meħuda fl-ambitu tal-poteri mogħtija lilu bl-istatut;

6. Illi l-attur jaf u huwa tenut li jkun jaf b'kull provvediment ta' l-istatur u issottometta ruħu għal dak l-istatut meta għażel illu jkun membru ta' dak il-klabb;

7. Illi bl preudizzju għas-suespost d-deċiżjoni meħuda mill-kumitat, meta iddixxiplinat lil attur illi kien qed iġib ruħu b'mod abbużiv u vessatorju fil-konfront tal-klabb, hija waħda valida u korretta;

8. Illi huwa ikkontestat illi l-attur ġarrab xi danni per konsegwenza tas-sospensjoni temporanja u qasira lilu mogħtija;

9. Illi l-azzjoni attriċi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt;

10. Illi l-esponenti jemmnu illi din l-azzjoni hija waħda frivola u vessatorja u għalhekk jeżisti lok illi jiġu applikati l-komminazzjonijiet stipulati mil-liġi għal kawża ta' din ix-xorta.

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Ġunju 2014 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jittenta jikseb dikjarazzjoni ta' nullita' ta' deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu mis-soċjeta' konvenuta, li permezz tagħha huwa ġie sospiż għal xi żmien mil-laqgħat u attivitajiet tagħha, u konsegwentement il-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tad-danni kkaġunati lilu minħabba tali sospensjoni.

Preliminarjament is-soċjeta' konvenuta eċċepiet in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti.

A tenur tal-artikolu 50(2) tal-Kap 12, din il-Qorti għandha:

"**attribuzzjoni inferjuri, illi bis-saħħa tagħha tiegħu konjizzjoni tal-kawżi kollha tax-xorta ta' dawk illi, skont l-artikoli 47 u 48, huma ta' kompetenza ta' maġistrat għall-Gżira ta' Malta**."

L-artikolu 47 jistipula illi:

"**(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-**

**pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u seba' u tmenin ċenteżmu (€11,646.87ċ), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.**

**(2) Dik il-qorti tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha.**

**(3) Iżda l-kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta'**

**beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba."**

L-artikolu 48 tal-Kap.12 huwa mħassar. Dwar eċċezzjoni simili l-artikolu 741 tal-Kap. 12 jipprovdi li:

**"L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata –**

*(a)* **meta l-kawża ma tkunx ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta;**

*(b)* **meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha;** (proprju kif qed tallega s-soċjeta' konvenuta fil-kawża presenti),

(*ċ*) **meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari."**

Imbagħad l-artikolu 747 tal-istess ligi jfisser illi:

**"(1) Il-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata.**

**(2) Jitqiesu dejjem bħala li għandhom valur li ma jistax jiġi determinat –**

**a) il-kawżi dwar jeddijiet onorifiċi, prerogativi jew preċedenzi;**

**b) il-kawżi dwar filjazzjoni, adozzjoni, interdizzjoni jew inabilitazzjoni ta' persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, imġienen jew berbieqa; jew dwar tuteli jew kuraziji, jew, b'mod ġenerali, dwar l-istat tal-persuna;**

**c) il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba tal-attur, u lanqas ma jista' jiġi determinat bil-mod imsemmi fl-artikoli li ġejjin."**

Il-lista fil-paragrafu (2) ta' dan l-artikolu m'għandhiex titqies bhala wahda esklussiva, imma hija biss indikattiva ta' x'jista' jitqies bhala ta' valur indeterminat. L-artikolu sussegwenti mbagħad jindika meta l-valur tal-oggett fil-kawża hu determinat mit-talba.

**"(*a*) meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata;**

**(*b*) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd, jew bil-prezz kurrenti."**

Issa, fil-każ in eżami l-attur, kif rajna, qed jitlob *inter alia* l-ħlas tad-danni li jallega li sofra minħabba s-sospensjoni tiegħu mill-attivitajiet tas-soċjeta' konvenuta. Ma kkwantifikax dawn id-danni, anzi qed jitlob il-likwidazzjoni tagħhom. Lanqas ma jistgħu jiġu kkwantifikati bil-mod imfisser fil-paragrafu (b) tal-artikolu 748 tal-Kap.12, u kuntrarjament għal dak li jgħid l-attur fin-Nota tal-Osservazzjonijet responsiva tiegħu, mkien ma ddikjara li l-pretensjoni tiegħu ma teċċedix il-kompetenza ta' din il-Qorti. Żgur għalhekk illi safejn jirrigwarda t-talbiet relattivi għad-danni, din il-Qorti mhix kompetenti *ratione valoris*.

Niġu issa biex nikkunsidraw l-ewwel tliet talbiet. Dawn jikkonċernaw kontestazzjoni ta' deċiżjoni meħuda fil-konfront tal-attur mis-soċjeta' konvenuta. Qed jintalab li din tiġi annullata għax *ultra vires* billi allegatament tmur kontra l-prinċipju ta' ġustizja naturali tal-*audi alteram partem.* Bħal fil-każijiet ndikati mil-liġi fl-artikolu hawn fuq ċitat ta' x'jista' jitqies bħala ta' valur indeterminat, hawnhekk ukoll ma jistax jiġi ffissat valur għal dawn it-talbiet. F'ċirkostanzi xi ftit jew wisq simili fejn din il-Qorti kienet ġiet mitluba tannulla skrittura privata għax allegatament wieħed mill-kontraenti ma kienx *compos mentis,* il-Qorti tal-Appell qalet:

*"Fil-każ in diżamina l-oġġett tal-azzjoni tal-attriċi nomine fil-kawża ma jiċċentrax 'sic et simpliciter' fuq il-kirja tal-fond in kwistjoni, imma kif espliċitament espress, oltre d-dritt li Anthony Coleiro jiġi re-integrat fil-lokazzjoni li kellu qabel, tikkomprendi anke r-rexxissjoni tal-ftehim li l-istess Anthony Coleiro, tajjeb jew ħażin, kien daħal fih mal-konvenut; kompriż allura l-obbligi assunti minnu f'dak il-ftehim. Ftehim u obbligi li l-valuri tagħhom ma humiex determinati u diffiċilment jistgħu jiġu determinati bil-kriterji dettati fl-Art.748(b) tal-Kap.12."* [1]

Għalhekk anke l-ewwel tliet talbiet jeżorbitaw il-kompetenza ta' din il-Qorti *ratione materie*.

[1] Appell Inferjuri (Għawdex) : Vicky Coleiro noe. vs Michael Grech: 10.04.2003

Għal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa′ l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta′ konvenuta dwar in-nuqqas ta′ kompetenza ta′ din il-Qorti, sew *ratione valoris*, kif ukoll *ratione materie,* u tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża.

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------